Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 83/2009

**John's Garage Limited (appellanti)**

**Vs**

**Kap Kmandant Forzi Armati ta' Malta (appellat)**

12 ta' Ottubru, 2018.

1. L-attrici harrket lill-konvenut quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex ihallasha s-somma ta' sitt elef u mitejn ewro (€6,200) hsara li saret lill-vettura bin-numru ABK 316 f'incident li sehh fil-25 ta' April, 2008.

2. Ghal dawk li huma fatti dawn huma spjegati tajjeb hafna fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Frar, 2018. Fil-parti dispozittiva tas-sentenza intqal:-

   *"Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:*

   1. *Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel u t-tieni eccezzjonjiet tal-konvenut.*
   2. *Tilqa' limitatament l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut fit-termini tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti.*
   3. *Tilqa' limitatament it-talba attrici fit-termini tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti.*
   4. *Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u hamsa u sittin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€465.88) – ekwivalenti ghas-somma ta' mitejn Lira Maltija (Lm200), bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv".*

3. Il-konvenut kien ha b'kera minghand l-attrici l-vettura ABK 316. Vettura li ntuzat minnu waqt tahrig lill-membri tal-Armata biex jikkontrollaw vettura li tkun qeghda teskorta lil persuni distinti (VIP). Jirrizulta li waqt sessjoni minnhom il-vettura nqalbet u garrbet hsarat irreparabbli (ara survey a fol. 3 *et seq*).

4. Fid-19 ta' April, 2010 il-konvenut ta eccezzjoni ulterjuri li taqra:

   *"Illi l-Kap Kmandat tal-Forzi Armati ta' Malta mghandux jinzamm responsabbli ghad-danni allegatament subiti minn John's Garage Limited stante li hu kien*

*kopert bit-termini u l-kondizzjonijiet mehmuza mal-ftehim tal-kiri tal-vettura ABK 316 li gie ffirmat bejn il-partijiet kontendenti u li jinsabu esebiti fl-atti processwali"*.

5. Wahda mill-kundizzjonijiet fil-kuntratt ta' kera kienet li l-vettura ma tistax tintuza:

   *"For racing, pacemaking, reliability trails, speed testing or* ***driving tuition****"*.

   L-ewwel qorti qalet li fil-hin li sehh l-incident, il-vettura ma kinitx qeghda tintuza ghal wahda minn dawn l-attivitajiet. Fir-rigward tal-kliem *'driving tuition'*, l-ewwel qorti qalet li jistghu jinftehmu biss bhala:

   *".... l****-uzu tal-vettura biex xi hadd li ma jafx isuq jitghallem isuq****. Din il-Qorti certament ma tistax tikkondividi s-sottomissjoni tas-socjeta attrici li din tinkludi l-uzu tal-vettura ghat-tahrig ta' xufier li jkollu diga' licenzja u esperjenza ta' sewqan, biex dan is-sewwieq jitghallem kif isuq il-vettura f'cirkostanzi partikolari"*.

6. Il-qorti ma taqbilx ma' dak ir-ragunament. Fil-kuntratt ta' lokazzjoni mhemmx definizzjoni tal-kliem 'driving tuition', u mhemm xejn x'jindika li t-tifsira taghha hu bil-mod limitat li spjegat il-qorti. L-ewwel qorti stess qalet li fil-hin tal-incident kien qieghed isir tahrig sabiex xufier, *"jitghallem kif isuq il-vettura f'cirkostanzi partikolari"*. Dak ukoll jikkwalifika bhala *driving tuition*. Il-process sabiex persuna tikseb licenzja tas-sewqan ma jinkludix fih sewqan tat-tip li kien qieghed isir fil-hin tal-incident. Ix-xhud Carollo, li kien qieghed imexxi t-tahrig, xehed:

   *"L'esercizio aveva lo scopo di fare* ***apprendere agli allievi le tecniche per mantenere il controllo di una vettura per poter operare in sicurezza nell'ambito di un Team per la scorta a VIP****.....*

   *Lo scopo dell'esercizio e'* ***di fare compiere all'allievo cambi rapidi di direzione*** *pur mantenendo una bassa velocita"*.

7. Hu ovvju li sabiex xufier ikun jista' jaghmel dawk it-tip ta' manuvri, hemm bzonn ta' tahrig. Fil-fatt jirrizulta wkoll li fil-hin tal-incident, Carollo kien passiggier fil-vettura. Ghalhekk meta sehh l-incident kien qieghed ighallem lix-xufier jaghmel certu manuvri li ma jsirux ta' kuljum. L-istess xhud qal li sehh l-incident meta x-xufier:

   *"nell'affrontare una curva di 90 gradi a destra a una velocita non superiore al 40km/h, saliva erroneamente in maniera decisa sul cordolo con le ruote interne alla curva causando il rovesciamento della vettura"*.

8. Alexander Vella, ix-xufier li kien qieghed isuq il-vettura fil-hin tal-incident, qal lill-pulizija:

*"Kont qed naghmel kors tal-VIP protection mal-AFM u l-Armata Taljana u waqt li kont qed indur qbadt ir-rota ta' wara fuq island tal-konkos, inqlibt fuq gemb u wara ghal fuq is-saqaf"*.

9. Hu ghalhekk car li l-incident sehh waqt it-tahrig ta' sewqan.

10. Mill-provi ma rrizultax li l-appellat gharraf lill-appellanti li ried jikri l-vettura ghal dak it-tip ta' tahrig.

11. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti hi tal-fehma li l-ewwel qorti kellha tikkonkludi li l-konvenut kien *in breach of contract*.

12. Il-qorti xorta kkundannat lill-konvenut sabiex ihallas danni fl-ammont ta' €465.68 peress li kkaguna hsara lill-vettura, u applikat klawzola 5(d)(i) tal-kuntratt ta' kiri. Fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezenta fl-ewwel qorti, il-konvenut argumenta li f'kull kaz jekk jinstab responsabbli ghall-hsara li garrbet il-vettura, l-iktar li jista' jkun ikkundannat ihallas hi s-somma ta' €465.88 peress li l-kuntratt ta' lokazzjoni jipprovdi ghal *capping* tad-danni. Materja li ma tissemmiex fir-rikors tal-appell u fit-twegiba.

13. Fil-kuntratt ta' lokazzjoni jinghad:

*"5. Hirer expressly acknowledges personal liability to pay lessor on demand:*

*(d) Lessor's costs to repair collision or other damages to vehicle provided however hirer's liability for such damage:*
***(i) Shall not exceed the maximum damage liability of Lm200 in accordance with vehicle type or group as established from time to time by the lessor.***
*(ii) Shall be waived if hirer has purchased in advance the collision damage waiver access as evidenced by his initials in the box provided for such purpose on the rental agreement"*.

14. Qalet sew l-ewwel qorti li ma kienx hemm prova li l-konvenut kien hallas minn qabel il-collision damage waiver (CDW), u anzi d-dokument a fol. 41 hu fih innifsu prova li ma thallsitx.

15. Il-qorti tifhem li klawzola 5(i), li qeghda f'*standard form contract* ta' kirja, tapplika fejn il-vettura tkun intuzat bil-mod kontemplat fil-kuntratt u mhux fejn l-inkwilin sfaccatament jikser l-obbligu kuntrattwali. Dan ovvjament

ghaliex sid il-kera jkollu polza ta' assikurazzjoni biex taghmel tajjeb ghall-hsara, u s-somma li tissemma fi klawzola 5 qeghda evidentement tirreferi ghal dik il-parti tal-hsara li ma tkoprix l-assikurazzjoni (*excess*). Jekk wiehed jinterpreta l-klawzola mod iehor ma jkunx jaghmel sens, ghaliex ikun ifisser li sid il-kera ikollu johrog flus mill-but fir-rigward ta' danni li m'ghandu l-ebda htija ghalihom. Ghalhekk dik il-*limitation of liability clause* ma tapplikax ghall-kaz in ezami, cjoe' fejn il-vettura ntuzat ghal skop li ma kienx permess skont il-kuntratt ta' kiri. Dan iktar u iktar meta fl-istess kuntratt jinghad:

*"Hirer will return vehicle to the lessor together with all tyres, tool, accessories and equipment* ***in the same condition as when received to the place and on the date and time specified overleaf and will use vehicle in a reasonable manner at all times****"*.

16. Fit-twegiba l-konvenut argumenta wkoll:

*"33. Illi l-appellat umilment jidderigi l-attenzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti ghall-fatt illi s-socjeta appellanta ma baqghetx titlob lill-kumpannija assiguratrici taghha sabiex taghmel tajjeb ghall-hsara li sofriet ai termini tal-polza"*.

17. L-ewwel qorti osservat:-

*"Ghalkemm f'din il-kawza saret riferenza diversi drabi fuq il-kuntratt ta' assigurazzjoni u ttellghu diversi xhieda tas-socjeta assiguratrici, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti dawn il-provi huma rrilevanti ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza odjerna, stante li din il-vertenza hija biss bejn is-socjeta attrici u l-konvenut a bazi tal-kuntratt ta' kiri li ffirmaw u s-socjeta assiguratrici ma gietx kjamata in kawza. Ghalhekk, il-kompitu ta' din il-Qorti huwa li tara jekk bl-agir tieghu, l-konvenut ivvjola il-kuntratt ta' kiri ezistenti bejn il-kontendenti"*.

Ragunament li l-qorti taqbel mieghu. F'kull kaz mill-provi rrizulta li l-polza ta' assikurazzjoni kienet tkopri l-vettura biex tintuza:-

*"****Use for social and pleasure purposes and for your own business.*** *Excluding use for racing, pace making, reliability,* ***trial*** *or speed* ***testing*** *or use by any person whom the vehicle is hired for the carriage of passengers"*.

Il-kumpannija assikuratrici altru milli kienet gustifikata li tirrifjuta li tikkumpensa lill-appellanti ghall-hsara li garrbet il-vettura.

18. Ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni li l-incident ma sehhx b'negligenza, traskuragni, imperizja jew nuqqas ta' regolamenti tat-traffiku tal-konvenut,

ghall-qorti hu evidenti li l-kawza li pproponiet l-attrici mhijiex l-azzjoni akwiljana.

19. Ghal dawk li huma danni, irrizulta li l-vettura giet stmata li kellha *pre-accident* value ta' €6,800 u wara l-incident il-valur kien ta' €600. Ghaldaqstant, il-pretensjoni ghal €6,200 hi gustifikata.

**Ghal dawn il-motivi thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Frar, 2018 u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' sitt elef u mitejn ewro (€6,200) bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz (16 ta' Marzu, 2009). Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-konvenut.**

Anthony Ellul.